IS-SEKWENZA TAL-ĦIN

EDWARD SCICLUNA /Ministru għall-Finanzi

Il-ġimgħa l-oħra tkellimna dwar ir-riskju u dwar kemm huwa fattur importanti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, sew dawk ekonomiċi, kif ukoll dawk politiċi u dawk kummerċjali.

Illum se nitkellmu dwar l-importanza tal-ħin, jew inkella, is-sekwenza tal-ħin fl-ambitù ta' deċiżjonijiet marbuta wkoll mal-ekonomija, politika u kummerċ. Iżda mhux biss.

Ċertament, il-ħin mhuwiex xi kunċett ġdid. Imma biex nispjega ruħi aħjar dwar il-ħsibijiet tiegħi, nixtieq infakkarkom fil-qawl Ingliż, 'a stitch in time, saves nine'. Dan ifisser li jekk għandek fetqa żgħira li tista' ssewwiha faċilment b'punt, aħjar taqbad u tħitu milli tittraskuraha, għax inkella aktar 'il quddiem ikollok tieħu biċċa xogħol akbar u tħit disa' punti biex issewwi t-tiċrita.

Għalhekk, aħjar tieħu azzjoni mill-ewwel milli tħalli l-problema tikber, għax tiffranka ħafna xogħol fil-futur.

Dan il-ħsieb insibuh ukoll fl-ekonomija, fejn l-ekonomisti ikeljlu l-impatt ta' xi ħaġa kemm fil-qrib, kif ukoll fil-bogħod, jew kif isejħulhom bl-Ingliż, *in the short-term* jew *in the long-term*. Pereżempju, meta jistudjaw l-għoli fil-prezz tal-gass, l-ekonomisti jaraw l-impatt taċ-ċaqliq fil-prezz kemm fix-short term, kif ukoll fil-long-term.

Fix-short-term, l-impatt tal-għoli fil-prezz jkun li l-konsumatur jipprova jekonomizza, jiġifieri jnaqqas mill-użu tal-gass biex jipprova jiffranka l-flus. Imma jekk il-prezz jibqa' għoli fittul meta mqabbel malelettriku jew xi tip ta' enerġija oħra, il-probabilità tkun li l-konsumatur jaqleb minn forma ta' enerġija għall-oħra.

Allura min għandu heater tal-gass jixtri wieħed tal-elettriku. Allura l-impatt fuq is-suq se jkun ħafna differenti fl-imbiegħed milli fil-qrib, u dan ifisser li kull impatt irid jiġi studjat b'mod differenti. Jiġifieri d-distinzjoni u sekwenza tal-ħin hija importanti ħafna.

Ilkoll nafu kif il-Brexit bħalissa hija tema importanti ferm fl-Unjoni Ewropea, speċjalment issa li din il-ġimgħa l-Qorti Suprema tar-Renju Unit qatgħetha li l-Parlament irid jivvota dwarha. Ftit tal-ġimgħat ilu, kien hawn Malta grupp ta 'l fuq minn 50 ġurnalist internazzjonali li ġew mistiedna f'pajjiżna biex jitgħallmu aktar dwar pajjiżna u kif se tkun il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Jiena kelli laqgħa magħhom, fejn mhux wieħed jew tnejn, staqsewni. "X'taħseb fuq il-Brexit?"

Jien għedtilhom li fl-opinjoni tiegħi, sew l-Unjoni Ewropea u sew ir-Renju Unit se jbatu mill-konsegwenzi negattivi, però bid-differenza li fil-każ tar-Renju Unit, l-impatt tal-Brexit se jinħass qabel mill-Unjoni Ewropea. Jiġifieri li s-sekwenza tal-ħin se tkun kontrihom. Għedtilhom li għalhekk se jiġri li *the UK will blink first*. Jiġifieri meta minħabba f'azzjoni waħda, inti se ssofri l-konsegwenzi negattivi qabel minn min hu fuq in-naħa l-oħra, inti qiegħed f'pożizzjoni aktar dgħajfa u mistenni li tirreaġixxi. Bħal żewġ kawbojs li jħarsu fiss f'għajnejn xulxin u l-ewwel wieħed li tonqoslu r-rieda jispiċċa biex iteptep għajnejh l-ewwel, jitlef il-konċenetrazzjoni u jispiċċa l-vittma tad-dwell. Dan kollu huwa r-riżultat tal-ħin.

Dan ukoll narawh fl-elezzjonijiet. Il-konsegwenzi li qegħdin jinħassu fl-Ewropa, jew f'ħafna pajjiżi fl-Unjoni Ewropea, li traskuraw issigurtà tal-pajjiż, li għadhom ma sabux soluzzjoni għall-immigrazzjoni, jew inkella għall-faqar u jew għall-qgħad kbir li qed ikollu konsegwenzi serji ħafna fuq il-panorama politiku ta' dawn il-pajjiżi. Tant hu hekk, li qegħdin naraw kif partiti, hekk imsejħa populisti, qegħdin jiksbu ħafna popolarità peress li jidhru li qed jagħtu ferm aktar kas ta' dawn it-temi mill-partiti tradizzjonali. Jekk sal-elezzjonijiet il-partiti tradizzjonali ma jilħqux juru fil-ħin li qegħdin jindirizzaw dawn il-problemi, għandhom jistennew li jkunu f'pożizzjoni dgħajfa ħdejn il-partiti populisti dakinhar tal-elezzjoni.

Ħafna mill-professjonisti jqisu l-ħin bħala parti mixxogħol tagħhom. Insibu wkoll dak li ngħidulu project management fejn ikun hemm xi ħadd li hu responsabbli minn proġett kbir, li jkun ikumplikat u jrid jagħmel distinzjoni bejn dawk l-attivatijiet li huma konsegwenzjali, f'dak li hu ħin, jiġifieri ħaġa tiġi wara l-oħra u waħda ma tistax tagħmilha qabel l-oħra. Hekk, ma tistax tbajjad ħajt qabel ma jkun imkaħħal, jew inkella ma tistax tgħaddi l-elettriku qabel ma l-istruttura tkun hemmhekk. Min-naħa l-oħra, hemm attivitajiet li jistgħu jsiru b'mod simultanju, jiġifieri f'daqqa, fejn filwaqt li wieħed ikun qiegħed jaħdem fuq ħaġa, l-ieħor ikun jista' jaħdem fuq parti oħra. Din hija parti mill-project management ukoll.

Minn dan kollu nistgħu naraw kif fil-pjani li nagħmlu u d-deċiżjonijiet li nieħdu ta' kuljum f'ħajjitna, il-ħin kif ukoll is-sekwenza tal-ħin jidħol bħala element importanti għax riżultat ta' hekk, jista' jkollu konsegwenzi serji, sew pożittivi, kif ukoll negattivi.

It-tama Nisranija f'ħajjitna

Sur Editur,

Meta l-bniedem jaqta' t-tama f'Alla, allura jiddispra għax ma jara ebda rimedju f'ħajtu, fil-ġrajjiet iebsin li jkun għaddej minnhom. It-tama hija n-nifs nisrani li bih nibqgħu għaddejjin f'din il-ħajja.

Raġel Amerikan, Stephen Imbarrato, mar jgħid iva lis-sieħba tiegħu biex din twettaq abort fuq it-tarbija tagħhom li kienet ġejja fid-dinja. Ħames snin wara, hu talab maħfra u mar iqerr. Addotta tifel mill-Kolumbja, dan kiber, iżżewweġ u kellu erbat itfal.

Fis-sena 2000, dan Stephen daħal is-seminarju u llum huwa qassis u qed jaqdi d-doveri saċerdotali tiegħu fl-Arċidjoċesi ta' New Mexico fl-Amerika. Huwa qal li, "Alla huwa tajjeb li ħa lili, raġel midneb bħali, u poġġieni fit-triq it-tajba, allura mela hemm tama għal kulħadd għas-salvazzjoni".

Wieħed mid-dnubiet kontra l-Ispirtu s-Santu huwa, "Min jaqta' t-tama li jmur il-ġenna". Iva t-tama ta' ħajja oħra timliek bil-kuraġġ biex tibqa' għaddej fit-tbatijiet li tgħaddi minnhom f'din il-ħajja. Fil-Ktieb tal-Makkabin, fil-Bibbja, insibu li wieħed mit-tfal, li kien qed jiġi maqtul għax ma riedx jikser il-liġi ta' Alla, mar jgħid lir-Re, "Aħjar li wieħed miet f'idejn il-bnedmin, meta jkollu tama mingħand Alla li għad iqajjmu mill-ġdid, iżda għalik Re m'hemmx qawmien għall-ħajja ta' glorja".

Ċertament, San Pawl jimliena b'kuraġġ kbir quddiem din it-tama nisranija, meta mar jikteb, "La għajn qatt ma rat, la widna qatt ma semgħet x'lesta Alla għal dawk li jħobbuh", u kompla billi kiteb, "Jiena nqiegħed fiż-żgur li t-tbatijiet t'issa m'għandhom x'jaqsmu xejn malglorja li għad trid tidher fina".

Żgur li għandna għal xiex nimtlew bil-kuraġġ quddiem is-slaleb tal-ħajja, f'dan il-wied tad-dmugħ, b'tama kbira f'Sidna Ġesù Kristu, il-Mexxej tagħna, "Jiena l-qawmien u l-ħajja, kull min jemmen fiha, ukoll jekk imut, jgħix, u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt."

Din hi tama soda f'ħajjitna, fil-persuna ta' Ġesù Kristu, tama li ma tfalli qatt, tama eterna.

CARMEL CARUANA,
San Ġwann